MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-5 ta' April, 2013

Appell Civili - Ghawdex Numru. 6/2012

**Michael Parnis**

**Vs**

**Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

Il-Gimgha, 5 ta' April 2013.

Permezz ta' rikors prezentat fil-15 ta' Ottubru 2012 ir-rikorrent appella mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-27 ta' Settembru 2012. B'dik id-decizjoni t-Tribunal cahad l-appell li sar mill-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq tat-3 ta' Mejju 2011 li bih l-appellant kien avzat li fis-sit it-Tafal, limiti ta' Kercem, Ghawdex ghandu:-

*"zvilupp li jikkonsisti minn bini ta' estensjoni ta' kamra li tidher fis-survey sheet tal-1967, giebja taht l-art, kif ukoll bini ta' zewg hitan tal-madwar bil-gebel tal-franka u l-konkos u dan kollu minghajr permess."*.

It-Tribunal iddecieda li:-

i. L-appell sar wara t-terminu kontemplat mil-ligi.
ii. Fil-meritu x-xogholijiet dikjarati fl-avviz ma kienux xogholijiet biss ta’ manutenzjoni jew restawr izda hu xoghol gdid li jirrikjedi permess ta’ zvilupp.

L-aggravji tal-appellant huma li:-

1. Ghalkemm gie deciz b’mod zbaljat li l-appell sar tardivament, it-Tribunal fl-ebda hin ma qal li hu null. Tant hu hekk li ttratta b’mod superficjali l-meritu.
2. M’huwiex minnu li l-appell hu tardiv.
3. Inkiser il-principju ta’ *audi alteram partem*.

L-appellata wiegbet li:-

1. L-appell quddiem it-Tribunal sar wara t-terminu kontemplat fl-Artikolu 86(12) tal-Kap. 504 li hu terminu perentorju.
2. Skond l-Artikolu 86(12) tal-Att X tal-2010 (Kap. 504) jipprovdi li appell minn Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettiq jigi milqugh kemm-il darba jirrizulta li l-izvilupp ma jkun jirrikjexi permess, jew li hemm permess u ma saret l-ebda kontravenzjoni ta’ xi kundizzjoni. L-illegalitajiet in kwistjoni ma jidhrux fuq survey sheet tal-1967 u lanqas fl-*orthophoto* tal-2008. Xogholijiet li saru wara s-sena 2008.
3. Ghalkemm it-Tribunal ma ddikjarax li l-appell hu null, ippronunzja ruhu fis-sens li qed jilqa’ l-eccezzjoni preliminari li l-appell sar *fuori termine*.
4. L-ilment li nkiser il-principju ta’ *audi alteram partem* hi ta’ indole kostituzzjonali u ghandha tigi ndirizzata quddiem il-forum kompetenti u mhux tramite l-appell odjern.

Il-Qorti rat ukoll l-atti tal-appell numru 444/11E quddiem it-Tribunal ta’ Revizjoni ta’ l-Ambjent u l-Ippjanar.

Il-fatti huma s-segwenti:-

1. Fit-3 ta' Mejju 2011 inhareg Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq (numru ECF202/11) fil-konfront ta' Michael Parnis ta' Chareine, Triq il-Belliegha, Victoria, Rabat, Ghawdex.
2. L-avviz gie notifikat fil-21 ta' Mejju 2011.
3. L-appellant appella quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar permezz ta' ittra datata 2 ta' Gunju 2011. L-ittra ntbaghatet permezz ta' posta registrata fit-3 ta' Gunju 2011.
4. L-inridizz fuq l-envelope hu - *Segretarja, Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u Pjanar, St. Francis Ravelin, Floriana*. Hemm ukoll indirizz iehor P.O. Box 172, Marsa, Malta li jidher li nkiteb minn xi haddiehor.
5. Skond it-timbru li hemm fuq l-ittra tal-appell fejn hemm elenkati l-aggravji mill-Avviz, l-ittra waslet ghand it-Tribunal fit-8 ta' Gunju 2011.
6. It-terminu tal-appell kien jaghlaq fis-6 ta' Gunju 2011.

L-Artikolu 86(12) tal-Kap. 504 jipprovdi li appell minn ordni jew avviz ghandu jsir fi zmien hmistax-il jum min-notifika tal-istess. Ma jidhirx li l-ligi tipprovdi ghal mod kif jigi pprezentat appell u hu evidenti li t-Tribunal jaccetta appelli li jintbaghatu bil-posta. Tant hu hekk li l-appell gie michud mhux minhabba l-procedura li giet addottata mill-appellant izda minhabba li l-appell gie pprezentat wara li ghalaq it-terminu. Jirrizulta li:-

1. Is-sede tat-Tribunal hu St. Francis Ditch, Floriana[1].
2. Hu evidenti li l-pustier ikkonsenja l-ittra fil-bini tal-Awtorita appellata li hu f'bini differenti. Tant hu hekk li mill-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjjanar intbaghatet *ackowledgement* lid-difensur tal-appellant datata 8 ta' Gunju 2011, fejn jinghad li fit-3 ta' Gunju 2011 l-Awtorita' kienet irceviet il-korrispondenza taghha datata 2 ta' Gunju 2011.
3. L-indirizz postali tat-Tribunal hu P.O. Box 172, Marsa[2].

---

[1] Ara per ezempju avviz tat-18 ta' Settembru 2012 li ntbaghat lill-appellant.
[2] Ara avvizi li hemm fil-file tal-appell li nstemgha mit-Tribunal numru 444/11E.

Il-qorti tapprezza li ghal min ighix f'Ghawdex hu iktar komdu li jibghat l-appell permezz tal-posta, gialadarba ma jirrizultax li t-Tribunal ghandu ufficcju f'Ghawdex. Sfortunatament min jaghmel uzu minn dan il-mezz ikun qieghed jiehu riskju gialadarba:-

i. Id-dokument tal-appell ser jigi kkonsenjat minn pustier;

ii. L-appellant m'ghandux garanzija li l-appell ser jigi kkonsenjat fit-terminu.

iii. Hu fl-interess u d-dmir ta' min irid jappella li jizgura li l-appell jigi pprezentat ghand it-Tribunal fit-terminu stabbilit mil-ligi.

Hu evidenti li f'dan il-kaz il-pustier ha l-envelope, li fih kien hemm l-appell, ghand l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar[3]. It-Tribunal hu entita' separata u distint mill-Awtorita'[4]. L-appellant jilmenta li:-

*"19. Illi pero jibqa' l-fatt li l-appell sar u intbaghat fil-hin. Issa jekk ma wasalx fil-hin ghand it-Tribunal dan jidher li huwa nuqqas amministrattiv ta' xi hadd jew ta' min hu inkarigat mill-posta fis-setup amministrattiv tat-Tribunal jew altrimenti ta' xi hadd fil-mailing section ta' l-Awtorita'. Dan kollu pero' ma jaqax fil-kontroll ta' l-appellant.*

*20. Illi jigi ritenut li t-Tribunal kellu jiddeduci li n-notifika tal-appell servuta lil u accettata mill-mailroom section tal-Awtorita, kellha titqies bhal li kieku moghtija lit-Tribunal* ***peress li kienet l-Awtorita li naqset mir-responsabbilta' taghha billi l-ewwel accettat posta rregistrata li ma kienitx indirizzata liha****, u imbaghad ma ghamlitx dak kollu possibbli biex tali posta tinghata lit-Tribunal immedjatament. M'huwiex gust li l-appellant gie pprivat mid-drittijiet tieghu minhabba nuqqas estraneju ghalih."* (enfazi tal-qorti).

Il-qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragunament in kwantu:-

i. L-appell intbaghat fl-indirizz zbaljat.

---

3 'Il fatt li l-envelope kien registrat, jikkonferma bla dubju li kien pustier li fizikament wasslu ghand l-Awtorita u mhux intbaghat f'indirizz P.O. Box.

4 Ara Artikolu 40(4), (5) u (6) tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta.

ii. Il-fatt li l-Awtorita' damet granet biex tghaddi l-korrispondenza lit-Tribunal, ma jistax jissana n-nuqqas. M'hemmx dubju li t-terminu ta' 15 il-jum hu terminu perentorju. Ghalhekk it-Tribunal m'ghandu l-ebda deskrizzjoni li jgedded tali terminu irrispettivament mic-cirkostanzi.
iii. L-appell isir lit-Tribunal, u ghalhekk li hu rilevanti hi d-data meta t-jircevih it-Tribunal.
iv. Ukoll jekk ghall-grazzja tal-argument biss kien hemm xi nuqqas min-naha tal-Awtorita' li ma kkonsenjatx l-appell fil-hin lit-Tribunal, ma jistax iwassal ghall-konkluzjoni li l-appell gie pprezentat fit-terminu kontemplat mil-ligi.
v. Kien fl-interess tal-appellant li jizgura li T-Tribunal ircieva l-appell tieghu.

Fic-cirkostanzi tqies li l-aggravju tal-appellant hu minghajr bazi.

Ghalkemm hu minnu li t-Tribunal ikkummenta fil-qasir dwar il-meritu tal-kaz u *prima facie* jidher li ma kienux instemghu provi fil-meritu, mill-parti dispozittiva tad-decizjoni hu evidenti li l-appell gie michud ghaliex kien tardiv. Fil-fatt l-ahhar paragrafu jaqra:-

*"It-Tribunal ghalhekk qed jiddisponi minn dan l-appell billi jichad l-istess u jikkonferma l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq tat-3 ta' Mejju 2011, ECF 202/11 mahrug kontra l-appellant u jilqa' l-eccezzjoni tal-Awtorita' li l-appell gie pprezentat fuori termine"*.

Il-qorti ma tarax li kien hemm xi htiega li t-Tribunal jghid espressament li l-appell kien null. Hekk biss tista' tinftiehem id-decizjoni li nghatat mit-Tribunal.

Billi l-qorti ser tichad l-ewwel u tieni aggravji u b'hekk qeghda tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal li l-appell gie pprezentat wara li ghalaq it-terminu statutorju, m'hemmx skop li tikkunsidra l-aggravju l-iehor.

**Ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------